

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Kriminali](#) > [Kooperazzjoni Ġudizzjarja](#) > Mandat ta' arrest Ewropew

## Mandat ta' arrest Ewropew

Il-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE) huwa proċedura ġudizzjarja ta' konsenja transfruntiera ssimplifikata – għall-fini ta' prosekuzzjoni jew eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni. Mandat maħruġ minn awtorità ġudizzjarja ta' pajjiż tal-UE huwa validu għat-territorju kollu tal-UE. Il-Mandat ta' Arrest Ewropew ilu jopera mill-1 ta' Jannar 2004. Dan issostitwixxa l-proċeduri twal ta' estradizzjoni li kienu jeżistu bejn il-pajjiżi tal-UE.

### Kif jaħdem

Il-MAE huwa talba minn awtorità ġudizzjarja f'pajjiż tal-UE għall-arrest ta' persuna f'pajjiż ieħor u biex din tiġi kkonsenjata għall-prosekuzzjoni, jew għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni fl-ewwel pajjiż. Il-mekkaniżmu huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji. Il-MAE jopera fil-pajjiżi kollha tal-UE

Dan jopera permezz ta' kuntatti diretti bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji.

Fl-applikazzjoni tal-MAE, l-awtoritajiet iridu jirrispettaw id-[drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati jew akkużati](#) – bħad-dritt għall-informazzjoni, id-dritt għal avukat, u għal interpretu, u għall-għajjnuna legali kif stipulat mil-liġi fil-pajjiż fejn jiġu arrestati.

### Kif inhu differenti mill-estradizzjoni tradizzjonali?

1. Limiti ta' żmien stretti  
Il-pajjiż fejn il-persuna tiġi arrestata jrid jieħu deċiżjoni finali dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew fi żmien 60 jum mill-arrest tal-persuna.  
Jekk il-persuna taqbel mal-konsenja, id-deċiżjoni tal-konsenja tkun trid tittieħed fi żmien għaxart ijiem. Il-persuna rikjesta tkun trid tiġi kkonsenjata mill-aktar fis f'data miftiehma bejn l-awtoritajiet ikkonċernati, u mhux aktar tard minn 10 ijiem mid-deċiżjoni finali dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew.
2. Verifika tal-kriminalità doppja – mhijiex aktar meħtieġa għal 32 kategorija ta' reati  
Għal 32 *kategorija ta' reati*, ma hemm l-ebda verifika dwar jekk l-att huwiex reat kriminali fiż-żewġ pajjiżi. L-uniku rekwiżit hu li *jkun punibbli b'piena ta' perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin priġunerija fil-pajjiż emittenti*.  
*Għal reati oħrajn*, il-konsenja tista' tkun soġġetta għall-kundizzjoni li l-att jikkostitwixxi reat fil-pajjiż tal-eżekuzzjoni.
3. Ebda involviment politiku  
Id-deċiżjonijiet jittieħdu mill-awtoritajiet ġudizzjarji waħedhom, mingħajr ebda konsiderazzjoni politika involuta.
4. Konsenja ta' ċittadini  
Il-pajjiżi tal-UE ma għadhomx jistgħu jirrifjutaw li jikkonsenjaw liċ-ċittadini tagħhom stess, sakemm ma jeżegwixxux is-sentenza ta' priġunerija huma stess kontra l-persuna mfittxija.
5. Garanziji  
Il-pajjiż li jeżegwixxi l-MAE jista' jirrikjedi garanziji li:

- a. wara ċertu perjodu l-persuna jkollha d-dritt li titlob rieżami, jekk il-piena imposta tkun ta' għomor priġunerija.
- b. il-persuna mfittxija tista' tiskonta kwalunkwe żmien ta' priġunerija li jirriżulta fil-pajjiż tal-eżekuzzjoni, jekk tkun ċittadina jew resident abitwali f'dak il-pajjiż.

Raġunijiet limitati għaċ-ċaħda

Pajjiż jista' jiċċad il-konsenja tal-persuna rikjesta biss jekk tapplika waħda mir-raġunijiet għal ċaħda obbligatorja jew fakultattiva:

*Raġunijiet obbligatorji*

- il-persuna tkun diġà għaddiet ġuri għall-istess reat (*ne bis in idem*)
- minorenni (il-persuna ma tkunx għadha laħqet l-età ta' responsabbiltà kriminali fil-pajjiż tal-eżekuzzjoni)
- amnestija (il-pajjiż tal-eżekuzzjoni seta' jipproċedi kontriha, u r-reat huwa kopert minn amnestija f'dak il-pajjiż).

*Raġunijiet fakultattivi - bħal:*

- nuqqas ta' kriminalità doppja għal reati minbarra t-32 reat elenkati fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE
- ġurisdizzjoni territorjali
- proċedura kriminali pendenti fil-pajjiż tal-eżekuzzjoni
- preskrizzjonijiet, eċċ.

## Manwal dwar kif toħroġ u teżegwixxi MAE

Il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat [Manwal dwar kif toħroġ u teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew \(1.95 MB - PDF\) EN](#), biex tiffaċilita u tissimplifika l-ħidma ta' kuljum tal-awtoritajiet ġudizzjarji kkonċernati. Il-Manwal jipprovdi gwida dettaljata dwar il-passi proċedurali għall-ħruġ u l-eżekuzzjoni ta' MAE. Il-Manwal jipprovdi wkoll spjegazzjoni sħiħa tal-ġurisprudenza l-aktar importanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li tinterspreta dispożizzjonijiet partikolari tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE.

Il-Manwal bil-lingwi kollha jinsab [hawn](#).

## Statistika dwar l-użu tal-MAE

FI-2018, bħala medja, il-persuni mfittxija ġew ikkonsenjati:

- bil-kunsens - f'16.4-il jum
- mingħajr kunsens - f'45 jum.

FI-2019, bħala medja, il-persuni mfittxija ġew ikkonsenjati:

- bil-kunsens - f'16.7-il jum
- mingħajr kunsens - f'55.75 jum.

FI-2020, bħala medja, il-persuni mfittxija ġew ikkonsenjati:

- bil-kunsens - f'21.25-il jum
- mingħajr kunsens - f'72.45 jum.

FI-2021, bħala medja, il-persuni mfittxija ġew ikkonsenjati:

- bil-kunsens - f'20.14-il jum
- mingħajr kunsens - f'53.72 jum.

FI-2022, bħala medja, il-persuni mfittxija ġew ikkonsenjati:

- bil-kunsens - f'20.48-il jum
- mingħajr kunsens - f'57.29 jum.

FI-2023, bħala medja, il-persuni mfittxija ġew ikkonsenjati:

- bil-kunsens - f'19.93-il jum
- mingħajr kunsens - f'60.12 jum.

Tweġibiet għall-kwestjonarju dwar il-MAE: [2014 \(1.54 MB - PDF\) EN](#) | [2015 \(1.44 MB - PDF\) EN](#) | [2016 \(1.69 MB - PDF\) EN](#) | [2017 \(1.24 MB - PDF\) EN](#) | [2018 \(1.51 MB - PDF\) EN](#) | [2019 \(1.06 MB - PDF\) EN](#) | [2020 \(1.44 MB - PDF\) EN](#) | [2021 \(1.45 MB - PDF\) EN](#) | [2022 \(1010.85 KB - PDF\) EN](#) | [2023 \(954.49 KB - PDF\) EN](#)

Id-*data* mhix disponibbli għall-pajjiżi kollha; madankollu, id-*data* li nħarġet dwar il-MAE hija kompluta għall-2015, l-2016 u l-2017.

MAE	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023
Maħruġa	14.948	16.144	16.636	17.491	17.471	20.226	15.938	14.789	13.335	14.071
Eżegwiti	5.535	5.304	5.812	6.317	6.976	5.665	4.397	5.144	4.540	5.450

## Proġetti ffinanzjati permezz tal-Programm Ġustizzja

Il-proġett ta' riċerka [InAbsentiaEAW](#) huwa studju legali komparattiv dwar il-Mandati ta' Arrest Ewropej (EAW) relatati ma' persuni li ma kinux preżenti għall-proċedimenti li wasslu għall-kundanna tagħhom (proċedimenti *in absentia*). Il-prattika turi li spiss ikun hemm problemi bil-ħruġ u l-eżekuzzjoni ta' tali MAE. Il-għan tal-proġett ta' riċerka kien li jiġu analizzati l-kawżi ta' dawn il-problemi u jiġu fformulati standards komuni għall-ħruġ ta' tali MAE sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni bla xkiel u ġusta tagħhom. Ir-riċerka saret permezz ta' studji tal-każ mill-Belġju, l-Ungerija, l-Irlanda, in-Netherlands, il-Polonja u r-Rumanija.

## Il-MAE u l-Kundizzjonijiet ta' Detenzjoni

Għalkemm l-Istati Membri kollha jridu jikkonformaw mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB), fil-prattika hemm differenzi sinifikanti fir-rigward tad-detenzjoni ta' qabel il-proċess, u l-kundizzjonijiet materjali ta' detenzjoni jvarjaw ħafna. Kif rikonoxxut mill-QĠUE fis-sentenza *Aranyosi/Căldăraru*, dawn id-differenzi fil-kundizzjonijiet ta' detenzjoni għandhom impatt reali fuq il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u l-operazzjoni tal-MAE. Mill-2016, l-eżekuzzjoni ta' MAE ġiet ittardjata jew irrifjutata għal raġunijiet ta' riskju reali ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fi kważi 300 każ.

Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u jittejbu l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni madwar l-UE, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni dwar id-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati u akkużati soġġetti għal arrest preventiv u dwar il-kundizzjonijiet materjali ta' detenzjoni fit-8 ta' Diċembru 2022. Din ir-Rakkomandazzjoni tipprovdi ħarsa ġenerali konsolidata tal-istandards minimi Ewropej magħżula għall-kundizzjonijiet materjali ta' detenzjoni u d-drittijiet proċedurali fl-arrest preventiv b'enfażi fuq oqsma ta' prijorità ewlenin għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-priġunieri.

## Links relatati

[Id-Deċiżjoni Kwadru dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew](#)

[Ir-Rapport dwar l-Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri](#)

[Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati u akkużati soġġetti għal arrest preventiv u dwar il-kundizzjonijiet materjali ta' detenzjoni](#)

[Dokument informali tal-ĠAI mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati u akkużati soġġetti għal arrest preventiv u dwar kundizzjonijiet materjali ta' detenzjoni](#)

L-aħħar aġġornament: 17/02/2026

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-

rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.